VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,323, 10 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 373 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-International Ocean Institute – Malta Operational Centre

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography, taħt il-patroċinju tal-International Ocean Institute – Malta Operational Centre, ippubblikati bħala Avviż Legali 413 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors, maħtur mis-Senat, li għandu jinkludi wkoll żewġ esperti ta' reputazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-programm;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Applied Oceanography;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Applied Oceanography;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Applied Oceanography; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. L-istudenti għandhom jitħallew jipproċedu għal qasam ta' studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu t-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja minima ta' 60%."